MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 167/2003

Il-Pulizija
(Spettur Pio Pisani)
Vs

Mary Anne Vassallo

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer u cioe' fl-indirizz 103 Triq ir-Refugjati tal-Gwerra, Mosta, nhar it-30 ta' Lulju 2003 bejn il-11.00 a.m. u s-2.00 p.m. u fis-26 ta' Lulju 2003 bejn id-9.00 am u s-1.00 pm:
1) volontarjament kisret il-bon ordni b'ghajjat u/ew glied;
2) ingurjat u dejqet lil zewgha Paul Vassallo bi kliem.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Settembru, 2003, li

biha, wara li rat l-artikolu 339 (1)(e) tal-Kap. 9 ma sabitix hatja fuq l-ewwel akkuza izda sabitha hatja fuq it-tieni akkuza w ikkundannatha ghal detenzjoni ta' tlett ijiem.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fit-22 ta' Settembru, 2003, li bih talbet lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata konsegwentement tilliberaha minn kull akkuza jew htija jew alternattivament u bla gudizzju tinfliggi piena alternattiva ghal detenzjoni.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Fliet l-atti kollha proceswali;

Rat il-verbal tal-Avukat Generali li bih ecepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell, fl-ewwel lok ghaliex ma saret ebda referenza ghal fatti fil-qosor u fit-tieni lok ghaliex intalbet ir-revoka tas-sentenza appellata w mhux ir-riforma meta fil-fatt l-akkuzata kienet giet illiberata mill-ewwel akkuza w misjuba hatja biss tat-tieni akkuza;

Peress li skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti, dan in-nuqqas jippekka kontra r-rekwiziti tal-artikolu 419 (1)(a) u (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta w jirrendi ir-rikors tal-appell null;

Tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali, tiddikjara r-rikors tal-appell irritwali w null u tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------